# MILL-GRAJJA TAL-PARROĊĊA TAGĦNA

## minn Lorenzo Zahra

Din is-sena jaħbat l-għeluq id-900 sena mit-twaqqif tal-Knisja taghna ta' San Lawsrenz. Waqt li aħna l-poplu tal-Birgu qed infakkru dan l-avveniment, ma naqsux uħud li flok studjaw biex aktar jiskopru ġrajjietna, ħarġu f'xi ġurnal jgħidu li dawn ġrajjiet leġġendarji u ħrejjef. Ma nistgħaġbux, għax ninsabu fi żmlnijiet meta saħansitra ħwejjeġ tal-fidi qed isibu l-istess kritika. Fin-nuqqas ta' dokumenti tidħol it-tradizzjoni, l-arkeoloġija kif wkoll ir-raġuni. Jekk ngħoddu biss il-ġrajjiet dokumentati, allura nistgħu nħottu l-ġrajjiet kollha ta'Malta, għax sas-seklu 16, ftit ferm u jekk jeżistu dokumenti.

Ħsibna għalhekk natu ftit tagħrif dwar il-Parroċċa tagħna u biex nibdew irridu ngħidu li ġrajjiet Malta sal-miġja tal-Konti Ruġġieru fl-1090 ftit li xejn insbuha f'dokumenti. Dan jgħodd wkoll għal erba' sekli ta' wara li jwassluna sal-miġja tal-ordni f'Malta. Minħabba f'hekk bosta ġrajjiet huma sostnuti bit-tradizzjoni.

Nibdew billi ngħidu li fil-Birgu sa minn żmien il-Feniċi kien hawn tempju ta' Astarte li r-Rumani jgħarfu bħala Juno. Kien l-Appostlu Missierna San Pawl li ġabilna l-Fidi fis-sena 60 W.K. Tul l-ewwel amenijiet kellna tempji mħaffra fil-blat imsejħa troglodit u billi fil-Birgu kellna kappella ta 'din l-għamla lis-storiċi jgħarfuha bħala ta' dik l-epoka. Din il-kappella li tinsab f'Sant'Anġlu fiha lapida b'kitba li tgħid li din twaqqfet b'ġieh lil Madonna mill-Konti Ruġġieru fl-1090.

Il-Knisja ta' San Lawrenz wkoll kellha bidu mill-Konti Ruġġieru fl-istess żmien u dan jistqarrruh l-aqwa kittieba ta' ġrajjiet Malta fosthom Gian Francesco Abela. Il-Knisja ta' San Lawrenz l-ewwel kienet imlaqqma "Ta Ħammuna" u dan minħabba it-tempju Feniċju li ġa semmejna billi l-Maltin hekk kienu laqqmuh. Dan kien meqjum fi bnadi oħra fil-Mediterran f'dik il-ħabta. Juri dan li l-bidu tal-knisja kien qrib il-bidla tat-tempju ta' Ħamuna għalhekk ma jħalli ebda dubju dwar il-qedem tal-Knisja ta' San Lawrenz. L-Istudjużi għad wkoll iridu jiskopru għaliex l-ewwel knisja dedikata f'Malta u f'Għawdex kellhom ikunu dedikati lil San Lawrenz.

Il-Kan. Dun Ġwann Maria Farrugia li studja tajjeb dwar il-Birgu bi grajjietu,jgħid li l-ewwel din il-knisja kienetdedikata lil Madonna u kien żmien wara meta baħħara Spanjoli kienu jiffrekwentaw il-port tagħna li ġabu l-qima lejn San Lawrenz, billi fl-ewwel sekli kien tant popolari fl-Ewropa kollha.

Dun Lawrenz Lanzon, li ħallielna sensiela ta' dokumenti fl-Arkiviju jikteb li l-Konti Ruġġieru wasal Malta qrib l-10 ta' Awissu fis-sena 1090 u kien għalhekk li waqqaf il-Knisja għalih. Tgħid għalhekk insibu l-oħra f'Għawdex bħala l-eqdem knisja? Allura dik t'Għawdex hija ta' l-istess epoka?

Fiż-żminijiet tan-nofs il-Knisja ta' San Lawrenz fil-Birgu saret magħrufa bħala San Lorenzo a Mare u dan meta wkoll il-Kastell kellu l-istess titolu – Castrum Maris – ? (Castel a Mare). Zmien wara qrib il-miġja tal-Ordni fejn kienet il-knisja ta' San Lawrenz kien ċimiterju

b'diversi kappelli tant li kien imsejjaħ "Ras il-Knejjes".

Niġu issa għal dak li kiteb lis-Storiku G. F. Abela dwar il-Knisja tagħna. Min jaqra l-ġrajjiet li kiteb dan jinduna b'liema studju, għaqal u ħila kiteb u mhux la kemm il-professuri tal-lum iwaqqu dak li kiteb. Narawmela x'kiteb:

*"It-Tieni knisja ta' Malta hija dik tal-Birgu, issa msejjaħ Vittoriosa għar-Rebħa li kiseb fuq it-Torok. Għandha l-ewwel qaghda wara l-kattidral fost il-knejjes Parroċċi kollha ta'Malta. Din ma għandiex tingħad ma dawk li ġew imwaqqfa żmien wara, għax kienet ilha Parroċċa bosta snin qabel, għall-ħtieġa tal-Birgu u l-Kastell li kienu miżgħuda bin-nies kemm tal-post kif wkoll barranin u dan minħabba l-kummerċ."*

Jissokta l-istess kittieb: *"Din il-Knisja Matriċi għandha l-ewwel post wara l-kattidral u tisboq il-knejjes kolleġġjati l-oħra kollha billi ġiet imwaqqfa fl-1090 wara li tkeċċew l-Għarab.* Nistħajjel jien kliem bħal dan minn kitba ta' storiku bħal Abela juri ċar biżżejjed li n-nies tal-Birgu ma vvintawx ebda festi u tifkiriet ta' ħrejjef. Ġ.F. Abela ma kienx professur ta' l-istorja għax fi żmienu ma kenitx twieldet l-Università. Jagħmlu tajjeb dawn il-professuri tal-lum mkieku bla passjoni jgħarblu ġrajjiet mgħoddija l-aktar dwar l-imgħoddi tal-Birgu, għax huma ġrajjiet marbuta ma' dwk ta' Malta. Il-Birgu kien l-ewwel bażi fil-port, kien ta' kenn u ta' kummerċ u għal sekli sħaħ kien ċentru ta' l-akbar ħidma għax kif l-Imdina kienet il-belt Muniċipali, l-Birgu kien il-belt Marittima u kummerċjali. Min jista' jiċħad dan?

Wara l-wasla tal-Konti Ruġġieru, Malta għaddiet minn diversi ħakmiet, imma dokumenti ftit li xejn għandna dwar dan. Ftit ilu dehret polemika jekk kienx baqa' nsara f'Malta fi żmien l-Għarab. Ngħid jien din inqabbilha ma' żmienna meta ir-Russja u l-pajjiżi sattelliti għal aktar minn 70 sena kienu taħt ħakma ta' Kommuniżmu Atew, iżda kif rajna, malli din intemmet ir-Reliġjon ħarġet fil-beraħ, ma kenitx mejta! Ma setax dan ġara wkoll f'Malta dik il-ħabta?

Fl-1436 Mons Senatore De Mello, isqof ta' Malta għamel "Rollo' tal-knejjes u għolla xi wħud minnhom għal parroċċi. F'dan ir-Rollo, De Mello jafferma l-qedem tal-Knisja ta' San Lawrenz bħala qadima wisq u għalhekk eskludiha fil-lista tiegħu ta' parroċċi ġodda.

Dokumenti dwar ġrajjiet Malta nistgħu ngħidu jibdew fis-seklu 15 u proprju hawn nibdew indommu ġrajjiet dokumentati tal-knisja tagħna.

Il-Knisja kienet għadha kemm inbniet mill-ġdid fl-1508 u hekk mal-wasla tal-Ordni sabuha lesta għal ħtiġiet tagħhom biex għażluha bħala l-ewwel konventwali tagħhom. Minħabba f'hekk il-Kappillan kellu jaqdi l-parruċċani tiegħu mill-Knisja tal-Lunzjata. Fl-1532 l-knisja nħarqet imma l-Isle Adam bniha mill-ġdid. Intilfet it-tapizzerija li nġiebet minn Rhodi, imma l-kappella ta' Filermo baqgħet intatta. Il-Knisja l-ġdida xorta waħda ġiet dedikata lil San Lawrenz għalhekk inġieb titular ġdid. Ma kienx soltu għall-Ordni ta' San Ġwann li jkollha knisja mhux b'titolu tad-padrun tal-Ordni. Serviet il-knisja ta' San Lawrenz lil Ordni tul l-isbaħ jiem tagħha l-aktar wara ir-rebħa tal-Assedju u l-bidu ta' bini ta' belt ġdida fuq in-naħa l-oħra tal-Port il-Kbir. Dak iż-żmien il-knisja ta' San Lawrenz, knisja prinċipali tal-Birgu kellha diversi knejjes jifformaw il-kommunità Nisranija fosthom tlett parroċċi Griegi, dawk ta' San Ġorġ, San Nikola u tad-Damaxena fejn il-G.M. La Vallette ħalla il-Kappell u x-Xabla tiegħu. Kien hemm wkoll il-Parroċċa ta' Sant'Anton għall-ħaddiema mpjegati tal-Ordni.

Mill-Knisja ta' San Lawrenz twieldet il-Belt Valletta fl-1572 u fl-1586 il-knisja ġiet imkabbra

b'kor, u presbiterju. Tul iż–żmien tal-Ordni, fil-knisja kienu jsiru investimenti ta' kavallieri, ċerimonji għall-bidu tal-kunsilli, tifkiriet ta' renjanti u tant festi oħra ewlenin. Hawn l-Ordni bdiet tnibbet fostna tant użanzi sbieħ u s-sollenità ta' San Lawrenz saret avveniment tal-Ordni. Żgur iżda li l-aqwa avveniment kien il-kant ta'Te Deum tar-Rebħa tal-Assedju b'diskors mill-Kappuċċin Fra Roberto d'Eboli. Fl-1593, l-Isqof Mons. Gargallo bena kappella lil Madonna ta' Monserrat sewwa sew ħdejn il-kappella ta' San Bastjan li aktar tard ġew magħquda fil-knisja ta'San Lawrenz. Dik il-ħabta l-knisja ta' San Lawrenz kienet isservi wkoll għal l-Isqof ta' Malta li fil-Birgu fi żmien l-Ordni kellu l-Palazz tiegħu wkoll.

Kien fil-11 ta'Mejju 1681, meta l-Knisja ta' San Lawrenz bdiet tiġi mkabbra fuq id-disinn tal-Arkitett Vittoriosan Lorenzo Gafà. Ix-xogħol tal-bini dam sejjer għax l-irwiefen kollha qamu, sa epidemija qerrieda żaret Malta, imma x-xogħol baqa' sejjer u fl-1682 kienet imbniet il-kappella ta' Santu Rokku bl-arma tal-Università fuqha. Il-kappelli żgħar fil-qrib ġew parti mill-knisja l-ġdida u hekk dawk ta' Sant'Andrija, San Bastjan, San Ġużepp , ta' Santa Marija kollha saru parti mit-tempju l-ġdid.

L-Ordni xorta waħda baqgħet toffri l-akbar stima lil din il-knisja. Dan barra xi tifkiriet li ħalliet fiha fosthom Kurċifiss li fuqu jieħdu l-ġurament il-Gran Mastri, apparat qadim tassew u xi ħwejjeġ oħra li sfortunatament intilfu fil-ħerba tal-gwerra li żaritna bejn l-1940-45.

Wara li l-Gran Mastri kienu stabbilew ruħhom fil-Belt il-ġdida, xorta waħda baqgħu jieħdu pussess solenni fil-Knisja ta' San Lawrenz.

Wara l-Ordni, billi fil-Birgu twaqqfet l-Inkwiżizzjoni jew aħjar id-Delegazzjoni tas-Santo Uffizio għal ħarsien tal-Fidi f'Malta, naraw dawn id-dinjitarji jiffrekwentaw l-istess knisja u xi funzjonijiet li kienu jwettqu bl-akbar sollenità. Huma kienu ħasbu wkoll sabiex jgħollu mid-dinjità tal-knisja billi sostnew għal xi servizzi u benefiċċji. B'hekk il-knisja bdiet tidher bl-insinja tas-S.O. (li għadna naraw mal-kor). Meta Don Filippo Borg li kien uffiċċjal għoli tal-Inkwiżituri kellu xi jgħid ma' sħabu qassisin f'Birkirkara, huwa ried fl-1646 jagħmel il-knisja ta' San Lawrenz l-ewwel Kolleġġjata. Dak li ma għamilx Dun Filippu Borg, iżda għamlitu fl-1659 il-Familja Abela billi ħalliet benefiċċji biex il-Knisja saret Kolleġġjata Benefiċjali fl-1669, ċioè qabel inbena it-tempju l-ġdid li naraw illum.

Kien ukoll Inkwiżitur, Mons. Carpegna li fl-1792 tħabat biex waqqaf 16-il prebenda billi ġab Previ mingħand il-Papa Piu VI biex il-qassisin benefiċċjali jilbsu rukkett u muzzetta vjola waqt li l-Arċipriet jilbes il-kappa manja.

Meta xi knejjes f'Malta bdew isiru Kolleġġjati, Dun Lawrenz Lanzon ħaseb biex ġab li l-Knisja ta' San Lawrenz issir Insinji Kolleġġjata, u dan sar fl-20 ta' Ġunju 1820 żmien l-Papa Piu VII. Kien iżda fl-1863 meta l-istess kanoniċi ingħataw dritt li jilbsu is-Salib pettoraliu baqgħu jiffunzjonaw bħal isqfijiet, cioè li fil-festi prinċipali iqaddsu u jiċċelebraw b'mod Pontifikali, dritt li kellhom biss il-kanoniċi tal-Birgu.

Meta l-Ordni kienet fil-Birgu, żmien d'Omedes, dan waqqaf fil-Birgu l-Università biex tieħu ħsieb l-amministrazzjoni ta' nofs il-gżira ta' Malta. Din l-Università li kienet tikkonsisti fil-ġurati flimkien mal-Ħakem bdew jattendu l-funzjonijiet b'mod uffiċjali fil-Knisja ta' San Lawrenz. Huma kellhom fil-knisja sedji apposta mqegħda fuq il-presbiterju u dawn wara żmien saru bil-ġinokkjaturi quddiemhom u mgħottija wkoll bi strati ħodor tal-bellus. L-istess ġurati kienu jilbsu it-toga senatorjali u mas-sedju kellhom l-armi tal-Birgu u tal-Università. L-istess Università kienet għalhekk ħalliet għotjiet ta' legati apposta għall-ħlas

ta' ċerti servizzi.

Meta f'Malta spiċċat l-Ordni ta' San Ġwann, mal-wasla tal-Ingliżi, l-kapitlu baqa' kull sena jistieden lill-Kummisarju Ngliż jew rappreżentant tiegħu fil-festi prinċipali, għalkemm dawn uħud minnhom kienu protestanti. Dan il-għaliex il-knisja ta' San Lawrenz kienet knisja uffiċċjali tal-mexxejja tal-gżira.

Saħansitra l-Inkwiżituri fi żmienhom kellhom is-sedji tagħhom apposta f'din il-knisja li jġibu l-armi tagħhom u naturalment dawn imqegħda f'post prominenti.

Għal bosta żmien, il-Knisja ta' San Lawrenz kienet toffri is-servizz tagħha għal kważi nofs il-gżira u kienet il-matriċi ta' l-irħula t'isfel kollha sa ma fl-1581 minnha ħarġet il-parroċċa ta' l-Isla u fl-1584 dik ta' Bormla u wara, xi mitt sena ilu dik tal-Kalkara.

Billi fl-1760 l-Inkwiżitur kien ta l-pussess lill-Kappillani kollha ta' Malta li jilbsu rukkett u muzzetta, dawn kienu qatgħuha li jieħdu sehem fil-proċessjoni ta' San Lawrenz kif baqgħu jagħmlu għal bosta snin. Ta' min jgħid wkoll li fl-imgħoddi meta l-festa ta' Korpus kienet issir biss fil-Kattidral u l-Birgu, uħud mill-kleru ta' nħawi qrib, kienu obligati flok imorru l-Kattidral, jiġu l-Birgu għal din is-Solennità ta' Korpus. Mhux ta' b'xejn mela li din il-Knisja stess, tiġi msejħa mill-Isqof Gori Mancini, bħala il-Luogo Tenens tal-Kattidral.

Fil-Birgu konna nsibu l-ewlenija Fratellanzi. Barra dik tas-Sagrament imwaqqfa fl-1575, kien hemm dik tal-Madonna fil-Kastell Sant'Anġlu mwaqqfa fl-1441. Dik ta' San Ġużepp skond it-tradizzjoni kienet twaqqfet fl-1103. Fratellanzi oħra kienu: dik tal-Karità mwaqqfa fl-1581, ta' Santu Rokku fl-1593, tal-Lajċi fl-1604, tal-Kunċizzjoni fl-1641 , tas-Sodalità tal-Qassisin fl-1659, ta' Santa Katerina, u tal-Kurċifiss imwaqqfa fl-1718.

Fis-sena 1786, in-Nobbli Sinjura Vħani tat parti mid-dar tagħha biex flok il-kappella ta' Santu Rokku saret il-kappella tas-Sagrament, waqt li fl-1878 inbniet l-Aula Kapitolari fuq il-knisja l-qadima ta' Santa Marija li kellhom il-Kongregazzjoni tal-Onorati li kellna l-Birgu.

Tul iż–żminijeit il-Birgu kien magħruf wisq għal mod kif kienu jsiru l-funzjonijiet liturġiċi fih. Iż-żelu li kellu l-kleru tal-Birgu biex inissel imħabba u devozzjoni lejn il-Fidi u lejn San Lawrenz insibu kummenti dwarhom fil-ġurnali tal-imgħoddi.

Kienet il-Gwerra li ġabet ħerba sħiħa f'din il-belt. Rovina irreparabbli ta' bosta oġġetti ta' valur storiku u artistiku kif wkoll qerda ta' nies u gerrxet il-parruċċani jiġġerrew ma' Malta.

Kif intemmet il-gwerra bdiet epoka ġdida għall-knisja ta' San Lawrenz. Bdiet rest-awrazzjoni mill-ġdid ta' kull ma kien tfarrak u saru mill-ġdid xi opri ġodda. Hekk b'xorti tajba aħna kellna xorti naraw wkoll id-Disa' Ċentinarju tal-knisja storika u għażiża tagħna.


Ref:

Abela Ciantar – *Malta Illustrata* Not IV pag 171 Vol li et seq.
Abela G. F. – *Della Descritione di Malta* Lib III Not IV 358 et seq.
Can. Farrugia G.M. – *Il-Malti* Dic 1926
Can. Zammit Gabaretta A. – *The Church of the Grand Master and Inquisitors.*
Porsella Flores Gius. – *Leħen is-Sewwa* (Tul is-sena 1930 - serje ta' kitbiet dwar Knejjes fil-Birgu).
Zahra Lorenzo – *Il-Parroċċa tal-Belt Vittoriosa* – Leħen is-Sewwa 8/8/1953